MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 401/2006

**Cordina Insurance Agency Limited (C5709)**
**ghal Schwarzmeet und**
**Ostee Versicherungs-Aktiengiesellschaft**

**vs**

**Michael Delia**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ hames mitt Lira (LM500) bhala ‘Excess’ fuq polza assikurattiva dwar vettura bil-mutur, polza numru 13043821, in segwitu ghal hlas ta’ danni lil terz li l-kumpanija assikuratrici ghamlet wara ncident stradali li galih kien jahti l-assikurat tal-kumpanija assikurattrici attrici.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Ra l-Kapitolu ghas-Subizzjoni tal-konvenut ipprezentat minn Dr Simon Micallef Stafrace fil- 11 ta' Jannar, 2007.
.

Ra li l-konvenut naqas li jikkontesta l-Kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici kif mitluba.

Spejjez a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------